L-EWWEL KTIEB
TAL-GHAXAR SENA

MARZU
1934

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GħADD

Warə disa' snin—Lill-Baħar (MONS. GAUCI)—Otia Aestiva (D. KARM)—Kif iduru r-Rjieħ ma' Malta (V. M. B.)—Żeżina u żewġha Bellin (T.Z.)—Ir-reżna (D. KARM)—Tagħlim għat-tfal (A. C.)—Lapsi (T. Z.)—L'Id ta' L-Imgħallem (R. M. B)—Serq mill-Knisja ta' Lampedusa (GUZE GATT) Ta' l-aħħar jiġu l-ewwel (R. M. B.)—Il-Madonna ta' Trapni (GUZE GATT)—Iż-zrigħ bikri (V. M. B.)—Ir-Riħ u l-Pinnur (R. M. B.) Kotba li waslulna

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**IL-GHAXAR SENA** **1934**

EMPIRE PRESS
266 Str. S- Paolo Valletta.
1934

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1934

## WARA DISA' SNIN

Bil-għajnuna t'Alla, b'dan il-għadd dħalna fil-għaxar sena tar-Rivista tagħna, "Il-Malti."

Faraġ kbir għalina, għaliex, ingħiduha kif inhi, fil-bidu tal-ħruġ tagħha, qalb ħafna tweghir u qtigħ ta' qalb, bil-kemm konna nobsru li sejra tgħix daqshekk: u akbar il-faraġ tagħna, għaliex f'dan iż-żmien kollu, mhux biss li ma tilfetx minn saħħitha, iżda twettqet iżjed; u aħna, għalkemm imċaħħdin minn kull għajnuna barranija, ma tbegħedna qatt mit-trieq li konna ħażżejna fil-bidu tal-ħruġ tagħha.

Kien Jannar tal-1925 meta deher l-ewwel ktieb ta' "Il-Malti," u s-sur Ġużè Muscat - Azzopardi, Alla jagħtih il-ġenna, li kien maħtur Direttur tar-Rivista, kiteb "L-Ewwel Kelmiet," fejn bil-għaqal kollu u bi kliem meqjus u sabiħ fisser x'kienet il-fehma tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti," u medd il-programm tax-xogħol li għalih kienet sejra toħroġ ir-Rivista.

Ma satax jitkellem minn qalbu aktar minn hekk: "Dan il-ktieb," qal "ma għandux x'jaqsam ma' *Partiti* la ta' pulitka u anqas ta' festi, ta' baned, ta' logħob u praspar oħra. Il-kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixla, merħba

bihom kollha: imma qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, jridu jinżgħu kull ġibda li tbiegħed minn ħsiebna u jħalluha wara l-bieb ta' barra, għax inkella ma nkunux nistgħu nilqgħuhom, ankas jekk ikunu l-aqwa ħbieb tal-lsien malti u tagħna nfusna."

Issa għaddew disa' snin u bdejna l-għaxar waħda, u dak il-kliem tad-Direttur ta' qbilna seħħ għal kollox; qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref minn "il-Malti"; qatt ma għawwiġna, qatt ħadd ma daħal f'darna, li ma kienx jaqbel ma' fehmitna.

U ħaġa oħra qal is-sur Ġużè Muscat-Azzopardi f "L-Ewwel Kelmiet" li ma hi xejn anqas sabiħa minn ta' qbilha: "Il-ħsieb tagħna hu biss li nxerrdu dejjem iżjed il-qari tajjeb malti, għax hi għarukaża kbira illi lsienna, imfaħħar minn kittieba ta' l-Italja, ta' Franza, ta' l-Ingilterra u tal-Ġermanja, għadna ma nafux niktbuh tajjeb u b'alfabett wieħed."

Ħaġa sabiħa għedt, għaliex il-Malti hu l-lsien tagħna u kull ma hu tagħna għandu jkun għażiż għalina; għandna nfittxu li nżiduh u norqmuh. Xaqqufa tal-fuħħar qadim niġbruha bil-ħrara, ngħożżuha ġol-ħġieġ fil-Mużew, għaliex dik ix-xaqqufa nsabet f'pajjiżna, hi ħaġa tagħna, hi silta, għalkemm ċkejkna, mill-ħajja ta' nisel il-Malti; u kulħadd jifhem li nagħmlu sewwa: għaliex, mela, ma għandniex niġbru, innaddfu, inwettqu u nsebbħu kemm nistgħu lil dan ilsien tagħna, li hu qadim u ġdid f'ħin wieħed, li ma hux imbikkem bħal biċċa fuħħar, iżda jitkellem il-għerf, id-dehen, il-fehma, il-għaqal u t-tieba ta' missirijietna?

U ma rridux ninsew ħaġa li qal u li biha għalaq il-kelmiet ta' qabel l-ewwel Direttur ta' "Il-Malti": "Flaħħarnett nixtiequ ndaħħlu fi rjus l-egħdewwa tagħna—jew,

ingħidu aħjar, fi rjus dawk li qatt ma riedu jafu bina— li aħna la nifirħu meta naraw lil xi wħud jinqdew bil-Malti għall-ħsebijiet tal-pulitka tagħhom, u anqas ma rridu, bit-tixrid ta' lsienna, nirfdu lil dawk li jobogħdu t-Taljan: irridu biss, b'fehma safja u sabiħa, nagħmlu kemm ni-filħu biex neħelsu mill-għajb li fih jinsab il-lsien

*tas-sbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna!*"

Wara disa' snin u fil-bidu tal-għaxar sena tar-Rivista tagħna, nistgħu ngħiduh aħna wkoll dan il-kliem, għaliex dan baqa' sas-siegħa ta' dan il-ħin il-ħsieb u l-fehma tagħna, u dan baqa'bla mittiefes il-programm ta' "Il-Malti."

# LILL-BAHAR

## SUNETT

Għaddejt minn fuqek niġri kemm-il-darba,
minn hawn għal hinn, fil-qrib u fil-bgħid sewwa,
biex mort fil-bliet inkella fl-art ta' ġewwa,
xi drabi bi ftit nies, għax wisq imwarrba.

M'hux dejjem kont mistrieħ, xi drabi mħarrba
il-ħalel tiegħek soqt, donnhom egħdewwa,
għal fuqna, u mort turina sħiħ bid-dnewwa
li stajt teqridna l-koll kif konna mxarrba.

Kull meta ndawwar fuqek ħbub għajnejja
u nara lilek biss dejjem titwassa,
ninsa l-bnedmin u kull ma għandi ħdejja.

U jekk il-għoli nqis, fejn ninsab jiena,
u x'għandi taħti, meta nbaħħar, l-għassa
inkattar fuqi, u nibda nitlob ħniena.

MONS. GAUCI

# OTIA AESTIVA.

## L-EWWEL TAQSIMA—"SA NOFS IN-NHAR"

*(Tifkiriet ta' San Pawl il-Baħar).*

Żewġ kmamar imdawwlin, bitħa xemxija,
Loġġa quddiem il-bieb, nitfa ta' kċina,
Għamara bla tlellix u bjankerija
Nadifa, iżda mingħajr tiftix ta' żîna,
Din id-dar tiegħi ġe' San-Pawl-il-Baħar,
Li ma ġġegħ'lnix la nistħi, w la niftaħar.

Tgħaddi t-trieq minn quddiemi żurżiqija,
U tilwi li taħbilek it-truf tagħha;
Iħaddru mal-lemin siġar dellija
Fejn tgħanni l-fewġa w xi bufula magħha;
In-naħa tax-xellug siġra tat-tamar
Issul bħal ħolma meta jiddi l-qamar.

Ftit l-isfel minni, fuq il-blat sewdieni,
Tasal il-mewġa w dlonk titħaddet miegħu,
U l-kelma tagħha minn filgħodu kmieni
Ma tehdiex sa' ma l-lejl jitfa' d-dell tiegħu;
X'jgħidu ma nafx: naf biss li din ix-xejra
Ili naraha s-snin, u għadha sejra.

Hawnhekk ma' tlugħ ix-xemx tara jinġabru
Bil-kavetti tal-ħût qatgħa xerrejja;
Kull wieħed minnhom donnu f'xifer sabru,
Jgħarrex fil-bogħ'd jekk hemmx xi dgħajsa ġejja;
Oħrajn bla ħsieb ta' xejn jersqu w iselmu,
U fuq xi ħwejjeġ ħfief jaqbdu jitkellmu.

Passejn lil hinn, fil-kenn ta' menqa ċkejkna,
Jitbandlu ħelu ħelu fuq il-mewġa
Xi kajjikki tas-sajd li jafu, msejkna!
Tax-xtiewi l-qilla, bħal ma jafu l-fewġa
Mejta tas-sajf: jitbandlu w jistennew
Is-siegħa li joħorġu minn hemmġew.

Ftit lil hinn iżjed, b'xi siġra quddiemha.
Daqsxejn ta' knisja ssamma' l-leħen tagħha,
—Knisja qadima; Wignacourt mar qiemha—
Knisja weħidha, bl-ebda dar tmiss magħha;
Lil hinn iżjed xi blat u raba' fqir,
Imbagħ'd il-baħar ikħal daks in-nir.

Fl-eħrex qatgħa tas-sajf, meta bla ħniena
Tisreġ ix-xemx minn sema bla hajbura,
U ġe' l-ibliet il-ħajja ssir għażżiena,
U jmut fir-raba' kull tnikkir ta' ħdura,
F'din id-dar ċkejkna niġi nserraħ ħsiebi,
Bogħ'd mill-għajdut tan-nies u bogħ'd minn ħbiebi.

U nithenna filgħodu, meta ħamra
Tixref ix-xemx u tbusli d-dar fuq ġbinha:
Niftaħ it-tieqa w dlonk tixgħel il-kamra
Fejn norqod jien b'dik id-dija ħanina:
Tasal friska fuq wiċċi l-ewwel fewġa
Bit-tislima tas-siġar u tal-mewġa.

Bikri hawnhekk jibda t-tgeġwiġ tal-ħajja
U jeħrek l'hawn u l'hinn xi leħen jidwi;
Xbejbiet indaf bil-mogħ'ż iddur mal-plajja,
U bil-fies fuq spallejh jgħanet xi bidwi;
Kampiena ċkejkna tħabbar il-quddies
U lejn il-knisja tara sejra n-nies.

Dak il-ħin tiegħi. Niġbor ħsebijieti
U niġbed qajla qajl lejn id-Dar t'Alla;
Mixħut f'riġlejn salib nistqarr dnubieti,
U l'fuq, lejn Gid is-sema, l'qalbi ntalla'.
Nilbes u nitla' fuq l-artal tal-ħniena
U nitlob għat-tajbin, nitlob għall-ħżiena.

Xħin narġa' l'ura lejn id-dwejra tiegħi
—Dwejra nadifa bl-ogħna dawl imżejna—
Isellimli l-werżieq minn qalb il-friegħi
Tas-siġar, jew minn fuq il-ħajt ta' ġnejna,
Ġnejna, quddiemi, mingħajr ebda sura,
Imneżżgħa minn kull ġmiel u minn kull ħdura.

Inbagħ'd nitrejjaq: Oh kemm tinżel bnina,
Il-loqma friska bla għaġla, bla ħsieb!
Drabi mirquma minn tislima rżina,
Drabi minn żjara ta' ġirien, jew ħbieb!
Imferrħa dejjem minn dehriet sajfija
Ta' baħar ikħal u ta' qlugħ bil-mija!

Kif jikber ftit il-jum, tibda mal-plajja
Il-gewġa tal-għawwiema: rġiel u nisa,
Xbejbiet u żgħażagħ fl-isbaħ snin tal-ħajja
Max-xtut jixterdu kull fejn hemm ftit wisa';

Ġlejjeb ta' tfal bla biża' li jiġġarrfu,
Fuq kull xifer tal-blat jersqu u jittarrfu.

Għandu l-baħar bħal seħer illi jferraħ
Il-qlub li għadhom ma ġarrbux in-niket,
U xi ftit lill-magħdura wkoll iserraħ
Fejn tas-saħħa u tal-hena l-leħen siket:
Isejjaħ lil kulħadd, 'mma liż-żgħurija
Jgħidilha kliem ta' ħlewwa barranija:

Għandu mn'ejn il-għaliex kulħadd fil-baħar
Isib ix-xbieha tal-qagħda ta' ħsiebu,
Sew min fl-imħabba għandu biex jiftaħar,
Sew min minn qalbu ħassar isem ħbiebu,
Sew min għadu m'għażelx it-trejqa tiegħu,
U jfittex biss lil min jitliegħeb miegħu.

Lili togħġobni dik id-dehra: f'daqqa
Nistħajjel nara ta' ħajjitna l-ġlieda:
F'ilma wieħed kulħadd, kulħadd ilaqqa'
Ma' saħħa ta' dirgħajn qawwa ta' rieda,
U jirbaħ l-iżjed, meta l-ilma jmewweġ,
Min l-aktar jagħraf dawn it-tnejn iżewweġ.

Fil-waqt li l-baħar dawk il-qlub iħenni
U x-xtajta tidwi bil-għajjat tal-ħajja,
Jien ta' xi ktieb sabiħ il-qari ntenni,
Jew l'hawn u l'hinn bejn xemx u dell nitlajja,
Għaliex minn meta rsaqt lejn is-sittin
Il-baħar ma baqax miegħi ħanin.

Iżda bqajna ninġiebu, u dlonk nitkellmu
Fuq xi ġrajja ta' żmien li qatt ma nsejna;
U jgħaddu jidħku minn ġe' ħsiebi u jsellmu
Il-Mistra, il-Gżejjer, Għajn Tuffieħa, il-Ġnejna
Kif kienu jidħku quddiem l-għajnejn tiegħi
Meta żgħużiti kienet għada miegħi.

Hekk mingħajr lehġa ngħaddi ż-żmien bis-sliema
Sa kemm id-dell qasir jgħid "nofs-in-nhar";
Jonqos max-xtajta l-leħen ta' l-għawwiema,
Li jerġgħu qajla qajla lejn id-dar:
Taqa' bħal ħemda; x-xemx tisreġ qalila;
Twerżaq l-urieżaq l-għanja twila twila,

Issa l-ħin illi waħda wara waħda
Id-dgħajjes t'Għawdex b'kull meħtieġ mgħobbija,
Bla ma tbeżżagħhom ta' l-irjieħ iċ-ċaħda
Jgħaddu b'qawwa oħra minn tal-qlugħ mogħnija;
Jgħaddu ferrieħa donnhom dwieb ġerrejja,
U l-mewġ jirgħa w isul huma-w-għaddejja.

Dlonk ħarsti nwettaq bi żġieġ għadsi w ċara
Tiġi f'għajnejja ta' kull dgħajsa s-sura,
U nitgħaxxaq mhux ftit kull meta nara
Passiġġieri w baħrin flimkien miġbura,
Wieħed jaħseb li jmexxi d-dgħajsa sewwa;
L-oħrajn jitħaddtu qishom ħbieb ta' ġewwa.

Iżda nitgħaxxaq iżjed meta l-fewġa
Minn fomm il-majistral tonfoħ qawwija;
U nara l-pruwa tkisser ras il-mewġa
U tgħaddi fuqha donnha xi gawwija,
Ir-raxx itir; baħri b'idejh fuq sidru
Ipejjep sieket; u fil-waqt li jidhru

Minn wara l-Qawra, fuq il-miġra mwiegħra
jiżfnu xi dgħajjes oħra, ħsiebi mkebbes
irodd it-trieq ta' żmenijiet imxiegħra,
meta tajfitna kienet qalbha twebbes
u turi ħiltha f'taqbidiet bla ħniena
ma sibbien ħorox u fil-ġlied qalbiena.

Imm' issa, nisma' leħen—ma nafx sewwa
jekk hux amar jew talba—li jsejjaħli:
inħalli l-beraħ u fis nidħol gewwa
għaliex . . . għalkemm is-sajf, l-ikel jiksaħli,
u jien tgħallimt li d-dar hemm l-isbaħ muna
meta fehmiet u qlub jimxu għannuna.

Hekk jien fid-dar, nadifa bħal xummiema,
li ma ġġegħ'lnix la nistħi w la niftaħar,
inqassam l-ewwel nofs tal-jum bis-sliema
fl-isbaħ xaqliba ta' San Pawl-il-Baħar,
ħieles mill-ħidma li tgħajjili ħsiebi,
bogħ'd mit-tgeġwiġ tal-bliet u bogħ'd minn ħbiebi.

Dun Karm

Fis-sajf tal-1932.

# KIF IDURU R-RJIEĦ MA' MALTA.

In-naħa tat-truf ta' Malta lejn il-Mellieħa, għal fuq Għawdex, jaħbat il-Majistral u r-riħ fuq. Minn fuq il-Maritmu (skoll lejn Marsala).

It-Tramuntana tiġi għal fuq il-fetħa li tieħu, ingħidu aħna, minn San Pawl-il Baħar sal-Madliena bil-Għallis, il-Magħrab, il-Qawra, Buġibba u trufiijiet oħra. Minn fuq il-Munżbell ta' Sqallija.

Il-Grigal jikser għal fuq il-Ponta ta' Sant'Iermu — bejn il-ponot u mill-ponot il barra, lejn tas-Sliema u San Ġiljan; riħ bejn fuq u isfel. Miċ-Ċriku (Gżira fejn Kandia).

In-naħa tal-Imqabba, Ħal Safi, Ħal-Kirkopp, ftit il hawn u l'hinn u l-Port ta' Marsaxlokk — hekk imsejjaħ minn l-istess riħ — jiġi x-xlokk u riħ isfel. Minn fuq Lixandra.

Mill-Buskett sal-Qrendi bil-plajja kollha li ftit il hawn u l'hinn tħares lejn Filfla, jaħbat Nofs-in-nhar u riħ isfel. Minn fuq Bomba (mal-Barbarija).

Il-Lbiċ jaħbat għal fuq l-Imdina minn fuq Tripli. Is-sajjieda jgħidu : Il-lbiċ jieħel u l-punent il-lbiċ jilgħab.

Il-Punent jaħbat għal fuq Binġemma, il-Qlejgħa, l-Imġarr, Għajn Tuffieħa. Jonfoħ min-naħa ta' Tunes.

Fomm-ir-Riħ jiġi n-naħa tal-Punent. Din id-daħla ħekk ġiet imsejħa għax bħalkieku r-riħ li jdum mn'hemm jonfoħ l-iktar bis-saħħa.

V.M.B.

# ŻEŻINA U ŻEWĠHA BELINN

Jingħad li s-sinjura Żeż u żewġha Belinn ma tantx jiftehmu. Dnub, għax milli wieħed jista' jara nies sewwa t-tnejn!

Taf x'naf, donnu s-sinjura Żeżin biex tmidd pass trid argnu u meta taħseb tagħmel ħaġa ssib ruħha dejjem bejn ħaltejn. Is-sur Belinn, naħseb, li mimli bih in-nifsu u jridha dejjem rebbieħa. Jaħasra par važetti fihom għaxqa, iżda mfarrda.

Ara kif ittelliflek sabrek Żeżina . . .

Il-ġimgħa l-oħra kont għand Nettu tal-ħwejjeġ. Daħlet Żeżina kollha mgħaġġla . . .

"Ġejt bil-ħatfa nara naqtax libsa minn dawk li wrejtni il-bieraħ."

"Hemm għadhom il-pezez, sa'a Żeż: deherli li kont għażilt il-griża."

"Le, qalbi mdendla mal-ħamra imma nibża' wisq li ma taqbilx mal-kappell magenta li xtrajt dan l-aħħar."

"Għalhekk ħu l-griża."

"Il-griż jaqbel ma' kull lewn, xieraq wisq u moda dejjem."

"Mela naqtagħlek mill-griża, xi kemm tkun trid?"

"Bi tliet qasab infieq, naħseb, il-lum ma tantx hemm ħala fil-lbies."

"Toħroġlok fil-wisa'."

"Stenna qabel taqta'. Agħtini mmiss daqsxejn il-ħamra, għax naħseb li għandha aktar qabda."

"Ħxuna waħda it-tnejn."

"Jista' jkun imma l-aħmar lewn magħluq u fil-għajn jidher sfiq, u l-griż lewn miftuħ jidher eħfef."

"Fil-qabda din il-ħamra nsibha aħjar, għall-ħarifa taqbel iżjed."

"Mela ser inqieslek il-ħamra."

"Li ma kienx il-kappell magenta ma kontx naħsibha darbtejn. Narġa' ndur għall-griża."

"Kif jogħġbok."

"Fuq il-griż tilbes li trid bla biża' ta' xejn."

"Iva, il-griż aktar mexxej."

"M'hux għax l-aħmar fih xi tmaqdar." Għandi ġakketta bil-bizzilla sewda ma taqtax ftit fuq libsa ħamra."

"Jien naħseb li int aktar marbuta mal-ħamra.

"Hekk hu. Imma ara mill-bogħod x'dawl għandu ħelu dak il-griż.—Dan nofs in-nhar? Ġieżu x'ħin sar! u żewġi kellu jistennieni għand Meli. Narġa' ngħaddilek għada sur Nettu."

"Bon ġornu. Nerfaħhomlok il-pezez biex tagħżel, sa'a Żeż.'

"Sa għada nkun ħsibtha liema nieħu."

Aktarx il-għada Żeżina taqta' libsa lewn it-terrakotta li tkun taqblilha mal-kappel magenta u mal-kappa bil-bizzilla sewda . . .

Belinn, żewġ Żeżina, m'hux fitt għax mita jixtri xi ħaġa mal-ħaġra t-tajn. Iżda l-ħali għandu tiegħu wkoll. Hekk malmara kemm mal-ħbieb dejjem iridha kif taqbel lilu.

Alla jħares min imerih lil Belinn; jirgħax jekk twissih, imqar bil-ħlieqa, jew twiddbu, jew tlumu, ikollok toqgħod għalli jgħid u tmur miegħu, jagħmel x'jagħmel u jgħid x'igħid.

Għandu f'rasu li hu biss raġel, li hu ma jarra qatt. Ħaddieħor jista' jkun li jitfixkel, jinsa, jieħu ħaġa b'oħra, huwa le, għax dejjem jara sewwa, jisma' tajjeb, jifhem sħiħ. Dak li jgħid ħaddieħor għalih ma jgħodd xejn, tiegħu tiegħu u tannies fin-nar.

Ara tmerih lil Belinn għax b'rasek idur, lilek igħoddok bi ħmar, mixtri, rasek qargħa, għajjur, bla ġieh. Hu biss qatt ma jarra, hu bniedem tal-ħaqq u tar-ruħ. Jekk wieħed igħid quddiemu x'ikun ra, jew sama' jew qara, Belinn ikemmex xuftejh biex ifisser mill-ewwel li m'hux sejjer jemmnu għal kollox. Ħabibu aktarx kabbar, naqqas, nesa, tfixkel f'dak li jkun deherlu li ra, sama' jew qara.

Għalhekk, mhux biss il-mara, imma tista' tgħid ħbiebu kollha jersqu lejk bil-biża' u miegħu kliem mill-anqas.

Irġiel bħal Belinn jew tissabbar bihom jew jekk demmek spont, jagħtik li tarfa' idejk fuqhom jew titbiegħed minnhom ħin bla waqt, nies bħalu aqta' biċċa minn dejlek u erħilhom. Ara kemm hu hekk, mita wieħed minn ħbiebu jilmħu lil Belinn riesaq, jew jarġa' lura, jew jilwi ma' l-ewwel kantuniera, jew jidħol f'ħanut sa ma jgħaddi għax ħadd ma jrid u la kliemu u la mielu.

Jiena nagħli għal Belinn li jeħtieġlu jgħammar ma' Żeżina li qadd ma taf sewwa xi trid, imma aktar nagħder lil martu li tgħix ma' min ma jaqbilha ma' ħadd u li jaħseb li barra minnu ma hawnx nies sewwa bħalu fid-dinja.

T. Z.

# IR-RAŻNA

Meta fuq triqtek jasal
xi jfixklek u xi jżommok,
għafas il-lġiem lil-qalbek,
qiegħed idek fuq fommok :
  għax id-dagħdigħa tkattar
il-hemm li nkunu fih;
is-sliem jiġi mas-sabar,
u l-hemm itir mar-riħ.

15-5-33 DUN KARM

# TAGHLIM GHAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGHU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

### 4. XBIHAT BARRA MILL-HOLQA TA' TRIEQ IX-XEMX (*)

34. L-antiki kienu jsejħu din ix-xbieha bl-isem ta' Ketos, iżda wkoll il-Grieg Chrysokokka kien jiktibha *Kaitos*. Tidher bil-pala tas-sieq biex tgħum biha fix-xmara. Magħrufa f 'xi bnadi bl-isem ta' *Bumenir* li hi iktarx il-kelma maltija *Bu-mnieħer*.

*A*. **Monkar u Menkar Kaitos.** Billi dil-kelma bil-kemm tista' tkun il-kelma maltija *munqar*, mhix ħaġ'oħra ħlief il-kelma għarbija *minħar*, li hija l-kelma maltija *mnieħer* (singular *munħar*.)

*B*. **Deneb Kaitos,** id-denb tal-annimal.

*Z*. **Batenkaitos,** botna, boton, żaqq.

I. **Dene kaitos Shemali,** il-biċċa denb ta' l-annimal li tħares lejn it-tramuntana.

35. Din il-kostellazzjoni jisimha **Al Gebar**, bil-għarbi *al-ġebbar,* il-Ġgant Orion. Jisimha wkoll **Elgewze** Fuq ir-rabta li li hemm bejn din il-kelma u l-kelma maltija *ġewża*, għandu wieħed jiftakar illi r-Rumani kienu jsejħu biċċa bil-kwiekeb ta' din il-kostellazzjoni bl-isem ta' *Jugulae,* li tixbeh il-kelma latina *Juglans* li tfisser *ġewża.*

Dan il-għanqud kwiekeb jidher jiddi sewwa fl-istaġun tax-xitwa. Ix-xbieha tiegħu huwa ġolf bil-lenbuba f 'idu u fi ħżiemu għandu sejf.

B. **Rigel,** riġel. Din il-kewkba jisimha l-*għaksa tas-sieq.*

G. **Mankib.** Bil-malti *minkeb.*

It-tlitt kwiekeb li qegħdin filliera waħda fi ħżiem ir-raġel jisimhom *mintaqa*, kelma għarbija li tfisser: *cinturin,* u l-kwekba li qiegħda l-isfel mill-ponta tas-sejf tissejjaħ **Saiph** (sejf). Xi kwiekeb żgħar taħt l-id ix-xellugija jissejħu **Kumm**, bil-malti *komma.*

Fil-maqbad tas-sejf hemm sħajba kwiekeb illi f 'sema ċar jistgħu jidhru bla għajnuna tal-lenti.

(*) Ir-ras fin-numru ta' qabel trid tiġi dik immarkata bin-Nru. 3 fin-numru ta' Settembru 1933.

36. Lil dan il-għanqud kwiekeb il-għarab isejħulu *an-nahr*, ix.Xmara (Eridanus), ukoll *en-Nil*, u xi daqqiet *al-baħr*, il-baħar, kif il-Masrin isejħu in-Nil ta' Fuq, *Baħr el-Abjad*. Din il-kostellazzjoni tibda minn Riġel il-Ġabbar, tisserrep u tgħib fil-qiegħ tas-smewwiet.

A. **Acharnar.** Kewkba li qiegħda wisq l-isfel biex tista' tidher minn Malta. L-aħħar (*achar*) u l-ictar waħda li qiegħda l-isfel fix-xmara (*nar*)

*B.* **Kursa.** Kelma semija komuni mislufa minn għand is-Sumeri, li tfisser *tron* jew *banketta* li fuqha jpoġġi r-*riġel* ta' Orion.

T. **Angetenar, Anchenetenar** *(Hnejjiet ix-Xmara)*, il-liwja, id-dawra, jew il-ħnejja tax-xmara.

37. Il-Liepru, bil-għarbi Arnab, ukoll jissejjaħ *Bu-widnejn* u l-*Bu-ġerrej* jew *Heff ir-riġlejn*.

A. **Arneb** u **Elarnib** li huwa l-isem ta' din ix-xbieha. Xi mindaqqiet issibha bl-isem ta' **Arsh**, bil-għarbi, *għarx*, kelma semija komuni li tfisser *sodda bic-celu*, u daqqa wkoll *tron* jew *bradella* (ta' Orion). Il-Malti żamm biss it-tifsira l-iktar qadima tal-kelmiet *għarix, għarrex* etc.

38, Il-Kelb il-Kbir, in-nebbieħ. Il-ġranet li fihom ix-xemx titla' f'din il-kostellazzjoni u fl-oħra ta' warajha, billi huma l-iktar sħan, issejħu *Ġranet ta' kelb is-sema*, żmien l-egħmejjem (minn Lulju sa Santa Marija). Bil-Latin: *Canicular*.

A. **Sheere** u **Ashere**, bil-għarbi *ax-xigħra*, ta' xagħru twil, muxgħari. Imsejħa Sirius, kewkba bajda,

H. **Alvdra,** u kewkba oħra li tinsab qribha, jisimha **Udra** u waħd'oħra, **Adara**. Dawn il-kelmiet huma l-istess kelma, bħalma rajna fin-numru 27. Bil-għarbi, *Għadra* : ix-xebba, u hija isem ta' ħrafa li dari kienu jgħiduha.

39. Il-Kelb iż-Żgħir, jew il-kelb ta' quddiem nett, il-għaliex din il-kostellazzjoni titla' qabel seħbitha.

A. **Algomeysa**. Bil-għarbi, *at-għumajsa*, ta' għajnejh miġugħin, il-għaliex igħidu li qiegħed ixerred id-dmugħ imħabba x-xogħfa li għandu għaliex sieħbu, il-kelb il-kbir, qabeż it-trieq ta' Sant'Anna, u ħallih waħdu jterter bil-bard f 'xifer ix-Xmara. Bil-Malti: il-għammieża, minn *għemeż*, itteptep il-għajn. Kewkba safranija.

40. Ix-Xini ta' l-Argonauti.

A. **Suhel, Suhail**, bil-Grieg, Konobos *(Canopus)*, kewkba żgħira fil-moqdief. Qiegħda wisq l-isfel biex tidher minn Malta.

I. **Turies**, diminutiv tal-kelma għarbija *tars* jew *tarka*. Bosta minn dawn il-kwiekeb f'din ix-xbieha u oħrajn li jaħbtu l-isfel fix-xefaq, bħalma ngħidu aħna ta' 38 u tal-44, jissejħu **Al Muhlifain**. Jissejħu bil-laqam ta' "kwiekeb tal-ħalf" għaliex billi qegħdin l-isfel ħafna, wieħed jista' jħallathom u jieħu waħda b'oħra u b'hekk in-nies jagħmlu l-imħatri u jieħdu ġurament jekk hux dik jew l-oħra.

41. Is-Serp il-Baħar, il-Lifgħa tal-Ilma.

A. **Unuk**. Bil-Malti: *għonq*, għonq is-Serp. Tissejjaħ ukoll **Alphard**, bil-malti: il-fard, il-farrada, il-għaliex qiegħda weħidha.

S. **Minchiar**, bil-malti, *imnieħer*. Imnieħer is-Serp.

42. **Batiya**, kelma għarbija biex tfisser *kies* jew *kus*. Twieġeb għall-kelma maltija *Bittija*.

A. **Alkes, Elkis**, isem ix-xbieha kollha.

43: L-Għurab.

A. **Minkar el Gorab**., munqar il-għurab.

B. **Unuk**. għonq il-għurab.

G. **Gienah**. Ġwenaħ il-għurab.

D. **Algorab**. Isem ix-xbieha.

44. **Kentauros**. Ċentawru nofsu bniedem u nofsu żiemel. Tixbaħ lil dik tan-numru 30 l-aktar kwiekeb tagħha qegħdin wisq l-isfel li jistgħu jingħarfu.

45. Il-Lupu m'għandux kwiekeb li jistgħu jidhru sewwa.

46. Il-Ħuta tan-naħa ta' Nofs-in-Nhar qiegħda tixrob miżżir tar-Raġel tal-Ilma.

A. **Fomm al Hawt**, fomm il-Huta.

# LAPSI

Għid Kbir tal-Knisja Mqaddsa li jfakkarna meta Sidna Ġesù, meta temm il-fidwa tal-bniedem ittajjar lejn is-smewiet wara taħdita lill-Apostli tiegħu. Quddiem il-ġemgħa kollha, il-Mulej irtafa' u sħaba ħaditu minn għajnejhom. Żewġt irġiel libsin l-abjad feġġu fin-nofs u stemgħu jgħidu: "Ja rġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Ġesù, ittieħdilkom fis-sema mnejn għad jarġa' jiġi."

Il-kelma Lapsi meħuda mill-Grieg, għalina tfisser ferħ. In-nies tajba fi twemminha ssemmi egħġubijiet li saru dak in-nhar. Il-Maltin tgħid li f'nofs il-lejl ta' dak il-jum imbierek il-baħar jitlef il-melħ li jagħmlu morr u tqil, u jeħla.

Għadhom sal-lum igħannu fir-rħula tagħna:

> "*Eħla, baħar, eħla*
> "*bħalma teħla* f'lejlet Lapsi,
> "jekk iddur id-dinja kollha
> "ma ssibx min iħobbok daqsi."

Niftakar meta malli jkun riesaq Lapsi d-daħliet kollha ta' madwar il-Gżira, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, tas-Sliema, l-Imsida, il-Fossa, ix-xtut ta' l-Isla, il-Karkara, Wied-il-Għajn, Birżebbuġa, kulfejn tinsab marbuta qoxra ta' ġewża kont tilmaħ sidha jħoll il-qala' u jarfa' l-mażżra biex jaqbad iż-żiffa ta' filgħodu li bdiet tinħass u jfittex joħroġ fil-beraħ biex iżiġġ fuq wiċċ l-ilma, ferħan sa jtir, bil-bandiera tiegħu tperper fit-tarf ta' l-arblu, bix-xemx ħamra nar fuq wiċċu u d-daqq tal-qniepen ma' dwaru ġej mill-knejjes kollha ta' l-art. Olza u aqbad ir-riħ u imla l-qlugħ għax sebaħ!

In-nies ta' ma' ġenb il-baħar kienu wara li jispiċċaw mill-Knisja jixxerdu u jfittxu rokna kennija fuq il-blat fejn jistgħu jersqu għar-resħa ħelwa ta' l-ilma għax is-sħana ta' l-ajru tkun bdiet tinħass sewwa. Kont tara max-xtut kollha; wara xi blata kbira fid-daħla tal-għerien, taħt xi xifer, imdendlin u minxura, lozor, prakan, bnadar, kulma jista' jarmi nitfa

dell li għal nofs-in-nhar ikun itaffi l-ħrara tax-xemx. U hemm fil-qagħad ta' dak il-għid in-nies titfarraġ u tistrieħ mix-xogħol ta' kull jum.

In-nisa jduru mal-borom u mat-twaġen u jibnu kwiener bil-ħaġar u ċ-ċagħak tal-plajja u jkebbsu n-nar għat-tisjir ta' dak li ġiebu magħhom fiċ-ċrienen, fil-qfief, fil-ġwielaq, fis-soror. Ir-rġiel imxammra jaraw kif jaqbdu xi ħaġa mill-baħar, iċemplu għal xi qarnita, jitfgħu xi lenza l'barra għal xi ferħ ta' ċerna, idendlu x-xlief għal xi sargu jew mazzun, jarmaw għal xi kaħlija bis-sufrun, oħrajn jitbaxxew għal xi mħara, xi bebbuxa, xi artikla, u jekk jirkaptaw xi gaffa, għal xi rizza fil-qorob.

It-tfal ferħanin ser itiru jilagħbu b'kulma jsibu, jekk isibu ramel jitbagħartu fuqu u jitfgħu ċ-ċagħak il barra biex jarawh iżiġġ fil-wiċċ malli jaħbat ma' l-ilma, u jgħajtu kemm jifilħu: "ħobża u sardina" - "ara tiegħi kemm ħarġet il barra", - "tiegħi telgħet tliet darbiet" - "tiegħi tegħreq dejjem..." U l-ommijiet tgħajjat u titmasħan: "Pawlu, ersaq il hawn... Ninu, ara kif sirt xraba! Ġużeppi, erħi minn idejk u oħroġ minn dik il-għadira; Marì, ara li ma taqax il-baħar, idħol il ġewwa..." U t-tfal jidħku u jixxalaw u jaqbżu u jvenvnu ċ-ċagħak, u n-nisa twersaq dejjem u titmasħan.

Malli jersaq nofs-in-nhar ix-xemx tikbes u l-ġuħ jibda jinħass; it-tfal qajla qajla jersqu għal kisra ħobż, in-nisa taqbad tifrex xi liżar jew farxa oħra fl-art u tħejji l-platti biex taqleb it-tisjir u r-riħa tal-qali u tax-xiwi tibda tinħass u kulħadd jibda jersaq ħelu lejn id-dell u r-riħa ta' l-ikel u jintasab biex iteftef xi ħaġa. Kliem ftit u kulħadd imidd idejh u jressaq lejn fommu. L-inbid ma kienx jonqos u wara sigħat fix-xemx u wara dak l-ikel ifuħ, il-qatra tal-flixkun tinżel għasel. U l-ħsejjes u l-agħjat qajla qajla jonqsu u x-xewqa ta' kulħadd tkun li jistrieħ siegħa fid-dell.

Min kellu kitarra ma kienx iħalliha d-dar u xi tfajla li tħobb tgħanni ma tonqosx u xi sabi li rama l-qalziet twil

jitħajjar u juri leħnu. U n-nies tidħak u tithenna sa ma jsir il-ħin li kulħadd imidd idu biex iħoll l-irbit, iqartas xi ħaġa, jimla l-qfief u l-qratal u jgħabbi d-dgħajjes mill-ġdid biex jarġa' għal daru.

In-nies bogħod mill-baħar igħaddu ż-żmien ma' dwar ir-ziezet tagħhom, fil-ġraden, fl-imsieraħ, jifirħu b'uliedhom u bil-qraba. It-tfal ma jdumux ma jaħsbu fil-bnadal għax Lapsi bla bandla ħaġa li ma nstemgħet qatt. Vitor iġġib siegla mill-girna, Marì tirkapta ħabel imqar jekk ikollha tħollu mis-satal, il-ħabel ta' l-inxir igħodd ukoll. Issa l-ħabel isibuh imżarrat, issa nofsu mherri, issa twil wisq, issa qasir; imma aqta', orbot, ġannat, fl-aħħar jaslu għat-tul li jridu.

—Fejn narmawha tgħid, xbint?

—Hux qawwi l-ħabel, Grezz? Ara li ħadd ma jkorri.

—Sejra norbot ma' dawn iż-żewġt izkuk. Ħarrubiet xjuħ, x'biża' hemm?

- Il-bandla l-kbira bejn il-ħarrubiet, iż-żgħira mal-filestrun tal-għorfa.

- Sejjaħ lil Gori igħinek torbot, Lunzjat.

U waħda tnewwel sellum, oħra trabbat rumnell, oħra tmidd nitfa ta' tavla bħal magħqad, din tifrex dublett ħażin mitni b'erbgħa għal taħtha, dik iżżid xibrejn siegla biex wieħed ibandalha minnha, u l-logħob jibda u jibqa' sejjer sa ma jidlam. Dik xalata!

Dak tbandil! dak għana! dak żuffjett! Żeża tgħanni b'kemm għandha leħen fi griżmejha, Vitor tagħdab għax oħtha ż-żgħira trid tidbandal flokha, Mananni twerżaq għax jagħtuha xejriet kbar wisq. Pawla trid min jinbuttaha qawwi, Ġulina mgħoxxija bid-daħk għax marret għal daharha meta żelaq il-ħabel mir-rabta.

Il-lejla lejliet Lapsi,
In-nies tal-belt iġerru d-dgħajjes;
Kannestru biċ-ċirasa
Fuq il-mejda tal-għarejjes;

għanja wara l-oħra, u t-tħabbit ta' l-idejn u t-tisfir tas-subien u d-daħk tal-bniet.

Ommi għamlitli bandla
Għamlithieli fuq il-bejt;
Ma kellix min ibandalni
Tala' Gori għarkobtejh;

u sejrin dejjem sa ma x-xemx tgħib wara l-għoljiet u l-ommijiet u n-nanniet igħidu biżżejjed.

U hekk il-Għid ta' Lapsi jasal u jgħaddi bħall-għidien oħra, u n-nies ta' qalbhom safja jitfarrġu b'mogħdija taż-żmien xierqa u jisbħu l-għada henjin u mhejjija għall-ħidma ta' kull jum kif irid Alla.

17-2-34 T. Z.

# L-ID TA' L-IMGHILEM

Nistagħġeb bil-ħut tal-baħar
Kif igħum, ma jiffogax;
Nistagħġeb bit-tajr ta' l-ajru
Kif jissaqqar ma jaqax;

L-għaġeb kbir — kif f'għalqa waħda,
Bl-istess ilma, msoqqijin;
U, la l-lewn, lanqas it-togħma.
M'għandu l-frott bħal ta' xulxin.

R. M. B.

# SERQ MILL-KNISJA TA' LAMPEDUSA

L-Eremit li jissemma fi ġrajjiet il-gżira ta' Lampedusa, kien Frančiż, raħeb ta' l-Ordni ta' San Frangisk. Lil dan sibnieh imsemmi aktar minn b'isem wieħed. L-isem tiegħu kien Ġann Klawdju Lazzarette. Oħrajn iġibuh b'Manweli Klawdju. U xi uħud bi Klement.

Għall-bidu ta' l-1707 Patri Klawdju ġie lejn Malta. Kif kien hawn, ġabar xi flus minn għand il-Maltin. B'dawn il-flus li qala' ġiegħel li jagħmlulu Kalċi għall-Knisja ta' Lampedusa.

Ix-xogħol tal-Kalċi sar mill-Imgħallem Toni Famocelli, li dik il-ħabta kien wieħed mill-konslijiet tal-Arġentiera. Il-patena u l-Kalċi kienu tal-fidda; iżda s-sieq ta' dan kienet tar-ram. B'kollox ġie jkum mat-22 skud.

Meta Patri Klawdju ta' x-xogħol lil Famocelli, għarraf ukoll lil dan, li hu sejjer jibqa' jgħix ta' Eremit f'Lampedusa biex jieħu ħsieb ta' dik il-Knisja. U qala' din is-setgħa, li jista' joqgħod f'dik il-Gżira, minn għand il-Papa u l-Ministri ta' l-Ordni.

Patri Klawdju telaq minn Malta għal Lampedusa fl-1707. Miegħu ħa l-Kalċi għall-Knisja ta' dik il-Gżira. Iżda wara xi żmien li qagħad hemm, ħalla kollox warajh u telaq minn Lampedusa. B'hekk, dil-Gżira baqgħet battala. Patri Klawdju dam imwarrab minn hemm għal bosta żmien. Meta l-kittieb Massa fl-1709 mar f'Lampedusa, ma sab lil ħadd igħammar fiha.

F'Ġunju tal-1708 xi xwieni ta' Malta marru f'Lampedusa. Wara xi jiem li damu hemm, fit-3 ta' Ġunju telqu mill-Gżira. Iżda waqt li x-xwieni kienu f'Lampedusa, naqas wieħed missuldati tal-frejgata *San Ġużepp*, jismu Ġakbu. Dan baqa' f'Lampedusa waħdu, billi din kienet battala min-nies.

Fiż-żmien li Galiano kien igħix waħdu, f'Lampedusa daħal bastiment Malti, tal-Padrun Dumink Zammit. Dan mar fil-Gżira

biex itella' mill-baħar dak li seta' mill-merkanzija ta' ġifen Ingliż li kien għereq hemm.

Jum fost l-oħrajn, wieħed mill-baħrin maltin, jismu Lwiġi Manweli, minn Birkirkara, flimkien ma' baħri ieħor għawdxi, niżlu l-art u marru f'naħa ftit imbegħda mill-knisja. Hemm, ġewwa għar, raw xi ġarar li ġo fihom in-naħal kien jagħmel il-għasel. Lemħu wkoll qoffa moħbija qalb il-ġebel. Daħlu fil-għar u resqu lejn il-ġebel biex jaraw sewwa x'hemm. Sabu li fil-qoffa kien hemm Kalċi mkebbeb u marbut ġo maktur ta' l-indjana. Dawn ħarsu biss lejh, bla ma missewh b'idejhom. Kif kienu qrib il-ġarar tal-għasel, in-naħal wera li kien ser jaħbat għalihom. Għalhekk ħasbu malajr biex ifittxu jitbiegħdu minn hemm. Waqt li kienu sejrin lejn ix-xatt, fl-inħawi li kienu, lemħu raġel ġej lejhom, ta' madwar it-30 sena, bl-ix-kubetta f'idu. Lil dan għarfuh li kien Ġakbu Galiano, dak is-suldat sqalli maħrub minn fuq ix-xwieni ta' Malta.

Wara xi żmien Galiano ġie lejn Malta. Billi dan kien ħarab mis-servizz ta' l-Ordni, qabduh u żammewh fil-ħabs tal kistlanija, sa kemm jasal iż-żmien iressquh quddiem il-Qorti ħalli jwieġeb għal egħmilu. Waqt li kien f'dak il-ħabs, billi l-kalzrier lemħu jgħodd xi flus, ġieh il-ħsieb li Galiano seraq xi ħaġa mill-Knisja ta' Lampedusa. Il-kalzrier mar malajr ħdejn Galiano, bix-xiehda miegħu, u beda jfittxlu quddiem dawn. Fuqu sabulu Kalċi mkisser f'bosta bċejjeċ. Dawn kienu meħjuta mal-ħżiem ta' fuq tal-qalziet. Il-kalzrier ħadhomlu u tahom f'idejn il-Qorti.

Meta l-Qorti ġabret ix-xiehda fuq il-biċċa ta' Galiano, imbeda l-process tiegħu. Il-bċejjeċ tal-Kalċi ġew murija lil Toni Famocelli biex jara jagħrafx jekk kinux tal-Kalċi li kien għamel għall-Knisja ta' Lampedusa. Famocelli għaraf li l-Kalċi hu xogħol tiegħu; b'dan kollu, ma setax igħid sewwa għal min kien ħadmu, billi bħal dak il-Kalċi għamel bosta oħrajn. Iżda wieħed li kien jaħdem mal-arġentier Famocelli, għaraf il-Kalċi. Dan qal li dawk il-bċejjeċ imkissra huma ta' dak il-Kalċi li l-imgħallem tiegħu kien ħadem għall-Knisja ta' Lampedusa.

Fuq li ġie magħruf minn dak li ntqal mix-xiehda, il-Prokuratur Fiskal għaqqad tixlija lil Galiano. Dan ġie mixli li seraq il-Kalċi li bih kienet issir il-quddiesa fil-Knisja ta' Lampedusa. Tarġa' dan, biex aktar ikun jista' jieħdu, bla ma jinqabad, kissru u għamlu bċejjeċ. Barra minn hekk, Galiano ġie mixli wkoll li ħarəb mis-servizz ta' l-Ordni.

Għal dawn il-ħwejjeġ, fit-13 ta' Lulju 1708, Galiano ġie imtella' quddiem l-Imħallef tal-Kriminal, biex iwieġeb għal dak kollu li għalih ġie mixli. Minn dak li Galiano qal, għall-mistoqsijiet li sarulu, ħadna dan li se'r ingħidu.

Ġakbu Galiano kien minn Sirakusa. Hawn Malta kien joqgħod il-Birgu, igħammar għand wieħed bid-dverna. Daħal suldat fuq *San Ġużepp*, waħda min-navi ta' l-Ordni, fix-xahar ta' Frar 1708. Ġie maqbud minn l-Isbirri, dwar ħamest ijiem qabel ma tressaq quddiem il-Qorti. Sabuh fix-xatt tal-Belt, wara li kien għamel il-kurantina fil-Port ta' Marsamxett. Xi xahar u nofs qabel, in-navi li kien fuqha, flimkien ma bastimenti oħra ta' l-Ordni, marret f'Lampedusa. Il-Kaptan ħalla lil Galiano u suldati oħra jinżlu l-art, biex jaħslu ħwejjiġhom. Wara l-ħasil, Galiano daħal fil-maħtab u raqad. Meta stembaħ, sab li l-bastimenti kienu telqu minn Lampedusa. Fil-Gżira dam waħdu dawra ta' xahar. Għammar dejjem fil-Knisja ta' Lampedusa. Fiż-żmien li dam hemm, ġera mal-Gżira u ra bosta xtieli ta' siġar tal-frott u l-ħxejjex, barra minn għadd kbir ta' fniek. Ra dawk il-ħwejjeġ li kienu tal-Madonna. Dawn kienu xama', ikel (biskott) u żejt. Fil-Gżira sab in-naħal. Dan kien ġewwa għar fil-ġnien. Ġo l-għar kien hemm erba' ġarar li fihom in-naħal jagħmel l-għasel. Il barra minn dal-ġnien, u ġewwa ħajt, sab tnell mimli bil-ġebel. Ried jaf xhemm fih. Kif neħħa xi ġebel, sab Kalċi mgeżwer f'xi karti. Meta ra xkien, ħalla l-Kalċi fejn sabu. Wara xi żmien daħlet Tartana Maltija. Galiano staqsa lill-baħrin tagħha, jekk il-Knisja ta' Lampedusa kellhiex xi Kalċi. Iżda billi dawn kalulu li ma kellhiex, ħaseb li il-Kalċi ma kienx ta' Lampedusa. Tarġa', l-aktar li emmen dil-biċċa, il-għaliex il-ħwejjeġ

tal-Knisja kienu miżmuma għalihom ġewwa kaxxa ġdida, u maqfula bil-muftieħ. Fuk hekk, Galiano ħa l-Kalċi fuqu. Waqt l-irqad, tqalleb, il-Kalċi ġie taħtu, u meta fil-għodu qəm, sabu miksur fi tliet biċċiet. Hu ssokta kissru biex aktar ikun jista' jżommu fuqu. Meta ġie Malta u fitt-xewlu, il-Kalċi sabuhulu biċċa f'borsa żgħiri qrib il-qofol tal-qalziet u biċċa fil-bwiet tiegħu. Dan ħadu għax ma kienx jaf li hu tal-Knisja ta' Lampedusa, l-aktar meta qalulu li dik il-Knisja ma kellhiex Kalċi. La mill-Għżira, l-anqəs mill-Knisja, ma ħa ħwejjeġ oħra. It-tlieta irbgħajja li sabulu fuqu, tawhielu l-baħrin ta' dak il-bastiment li miegħu ġie lura lejn Malta.

Għat-tweġib li Galiano ta' lill-Qorti, l-Imħallef tal-Kriminal widdbu biex jistqarr u jgħid is-sewwa. Galiano reġa' wieġeb, li ma kienx jaħseb li l-Kalċi kien tal-Knisja. Li kien jaf ma kienx jieħdu. Galiano, wara l-istaħriġ li sarlu, ġie meħud mill-ġdid lejn il-ħabs.

Il-Qorti qabbdet lil wieħed mill-Isbirri biex imur igħarraf lil Galiano u jagħtih iż żmien ħalli jhejji għad-difesa tiegħu.

Biex jiddefendi lil Galiano, ġie mqabbad l-Avukat Balsani, li kien l-Avukat tal-fkar.

Wara li saret id-difesa lil Galiano, din ġiet mogħtija bil-miktub lill-Qorti biex tinżamm mal-process. L-Imħallef tal-Kriminal għarbel u fela il-process, u sab li Galiano kien ħati ta' serq sagrilegu u fuq li ħarab mis-servizz ta' l-Ordni. Għal dawn il-ħtijiet, Galiano weħel li jiġi ffrustat fit toroq tal-Belt u wara jibqa' għal-10 snin jaqdef fuk ix-xwieni tal-Ordni bla ħlas, marbut minn siequ bil-katina mal-bank tal-qdif.

Fil-10 ta' Awwissu 1708, il-Qorti tat il-Kalċi, f'20 biċċa, lill-arġentier Toni Famocelli, biex jerġa' jagħmlu mill-ġdid għall-Eremit Manweli Kiawdju ta' Lampedusa.

Ġużè Gatt

# TA' L-AHHAR JIĠU L-EWWEL

"F'Mejju aħsad imqar kien plejju": igħid il-malti. Kien għadda x-xahar tar-Rużarju u l-egħlieqi tal-qamħ kienu laħqu għall-ħsad: taħt ix-xaqliba tal-Fawwara, il-għalqa ta' wieħed bidwi, kienet tmewweġ bħal baħar tad-deheb; kull żbula daqs hiex kienet tiswa mitqilha deheb: ftaqadha (1) kemm-il-darba sidha, u ried lil kulħadd għal fuq tal-"Ħmiel" hekk kien jisimha il-ġonta raba'—u l-ixirka sa filgħaxija meddew iż-żara' għamar għamar u ħasdu sa l-inqas żbula.

Il-għada mat-tbexbix il-ġlajka kollha mal-bidwi u uliedu, rmaw iġorru l-ħsad għad-dris, għal fuq l-andar u sal-għabex, iż-żara' kollu kien imferrex mal-qiegħa kollha.

—Xeddu ż-żewġt ifrad u l-ferħ tal-bagħal qal il-missier lill-kbir u l-fustani u rħewlha għal fuq l-andar għad-dris; għal xi d-disgħa kielu ħobża tal-maħlut kull wieħed, daqshiex; żebbuġ żejt ġbejniet . . . ġidra tas-saqwi . . . kollox minn tagħhom: wara l-fatra kulħadd għal fuq is-satal biex jieħu belgħa u suq għax sebaħ.

Għedna moqbejl (2) li l-qamħ inġarr kollu għal fuq l-andar iżda ma' ġenb mogħdija sewwa sew ħdejn gurna biswit il-qiegħa xi qabda żbul baqgħet fl-art mal-ġarr:—u daż-żbul, ħaġa ta' xej ... irfes l-andar u ġib min jirfes iż-żbula toħroġ mit-tiben, u l-qamħa tingħażel miż-żbula, fi tliet ijiem dirsu kull m'hemm! jabni . . . tliet bhejjem bħal dawk! u l-bidwi, stenna ir-riħ jonfoħ minn fuq il-Għallis jew minn ġol Magħtab, biex iderri it-tagħam.—Ir-riħ jonfoħ minn fuq il-Madliena—qal il-bidwi lill-kbir; u f'radda ta' salib kulħadd bil-midra u l-luħ għal fuq l-andar. Jekk iżomm riħ fuq, ma jibqax għabra sifa mat-tagħam, qallhom il-fustani . . . u balleġ hekk kien: ir-riħ rama għaddej sabiħ sabiħ, minn fuq il-Qawra sal-Madliena u sa nżul ix-xemx ma baqax sifja mal-qamħ, derrew żewġ ħalel!

Il-għada fuq il-midrus, xeħtu l-ħalla żara' l-oħra, ir-riħ baqa' jfewweġ u sa fil-għaxija għaddew it-tagħam kollu bl-imdiera u l-luħ għas-sifa u t-trab.

---

(1) Tiftaqad–Iddur b'għajnejk l-uċuħ tar-raba' u tithenna bih.

(2) L-ewwel.

"U dik is-sħaba", qal iċ-ċkejken fost l-aħwa,"xejn ma f'għajni minnha, ħabba trid biex traxxax matulek ja lejl?" "Dak ħajbur (1) wieġbu l-missier, jisfa fix-xejn. Għada, xedd il-ferħa, qal il-bidwi lill-fustani, tiha erba' jew ħamest għamar xkejjer tal-faxx, u nikinsu kollox għal-ġewwa l-għorof u, f'kemm ili ngħidlek, min jobrom l-għerwa għar-rabta tat-tiben ta' l-oħxon, min isewwi l-ixibka tat-tiben tar-rqiq, min jilqa' s-sifa, min it-tagħam min igħabbi, min iġorr u ħażnu kulma kien hemm fuq l-andar fil-għorof tar-razzett; u s-sifa għal-fuq il-miżbla. "Issa għal wara l-imnarja ngħarrblu it-tagħam minn xi żniela (2) qallhom il-bidwi

—Għadni nisma' d-daħk... il-ksur tal-għana minn fuq il-qiegħa għal ġor-rażżett jidwi f'widnejja. Għaddiet l-Imnarja, it-tagħam naqqewh, dawwruh, għal xi ramla u modd minnu, il-kbir għabbih fuq il-ħmara għal għand it-taħħan, hu l-vojt għal krexximonja qallu missieru; —u ċeklem-ċeklem; għal għand Kanġu-ta'-Menića: —battu l-ixkejjer fuq in-nasba... u: meta niġi għat-tħin Kanġ?— qallu bin il-bidwi, —"Oqgħod ittennieh, għax il-lum ħfief nitfa waħda mix-xogħol; kif indawru dik il-għarma,naqilbu għal fuqek" wieġbu Kanġu u sa siegħa lejl, it-tagħam kien tħin; it-tqiq u n-nuħħala kollox għalih. Kanġu kien irkaptat tajjeb; l-erba' pari ġebel u bl-arbitlu kollu; kellu l-għira u l-laqta għax-xogħol tat-tħin.

Sa filgħodu ħames wiżniet mit-tqiq, kienu disa' ħobżiet daqsiex, fuq il-farxa tal-ħobż mgħottija bil-mindil (3).

—Il-ħobż hemmx egħżeż minnu taħt il-kappa tax-xemx, xhemm iżjed ta' fejda iżjed bnin u li jirfidna fost il-ħlejqiet kollha bħall-ħobż! Il-ħobż kullimkien issibu... Kulħadd iħobbu: il-għani u l-fqir, ix-xiħ u ż-żagħżugħ, kulħadd: mill-ħakem sa nies ta' ġol ħabs: tenni kul, tenni u arġa', l-aħjar ikel u kulu waħdu; għandek tistmerru... iżda l-ħobż dejjem tajjeb; waħdu u mal-ġwies! Il-ħobż f'kelma waħda ħabib kulħadd. Alla u l-ħobż huma l-għajxien tal-bniedem; Dak tar-ruħ, dan tal-ġisem. Jekk timrad, malli tieħu ftit tas-saħħa, l-ewwel waħam li jiġik, tal-ħobż: priklu ma jissejjaħx, grazja t'Alla l-ħobż!... u x'jgħallimna nitolbu ta' kuljum il-Mulej; m'hux il-ħobż?!

(1) Hajbur–Sħab ħafif mexxej.
(2) Zniela–Naqra ta' ħliefa tat-tagħam.
(3) Mindil–Tvalja tal-ħobż.

—U ż-żewġ żbuliet ħallejnihom bħal ruħ żota ġol-mandra ħdejn il-mogħdija !... Għaddew minn hemm ħut Lażżru (il-fqar) ġabru u laqqtu l-fdalijiet kollha; iżda ż-żbuliet ħadd minnhom ma ntebaħ bihom; u qassis, li kien nieżel minn taħt il-ħajt, ma' ġenb il-mogħdija, ġej minn għand il-flien, qrin (1) tiegħu fqir daqs ġobb, li kien ħadlu l-aħħar kisra ħobż u xi ħaġa taż-żgħar, ta' fuqu senduqu; lemaħ iż-żbuliet, tbaxxa, radd il-ħajr l'Alla, ġabarhom, fesdaqhom bejn qigħan idejh . . . ma kellux biex jitrejjaq dik il-lejla ! u . . . iżda ftakar, fi ħtieġa aqwa . . . rabat f'tarf il-maktur dak il-ftit qamħ; intasab bil-qiegħda fuq ġebla, jaħseb u jitħasseb, kemm xogħol għadda minn għala dak il-qamħ li nżara' u nħasad f'dik il-għalqa sa ma ssawwar ħobż . . . u kif it-tagħam misrur fil-maktur kien fi ħsieb Alla, maħtur, fost ħutu l-oħra !... u kif kien jogħla fi ħsiebu jara serbut nemel iġorr xi erba' qamħiet u għasfur niżel naqqar li fadal . . . u aktar daħal il-ġewwa fil-ħsieb fuq id-destin ta' dawk iż-żewġ żbuliet ! U qam u ssokta miexi lejn id-dwejra; kif wasal; taħan it-tagħam. għarbel u għażel it-tqiq min-nuħħala, ħallat koċċ ilma mat-tqiq; għaġnu, ħmih u l-għada kmieni kmieni fuq il-mitbaħ bil-qima kollha tbaxxa għar-rkobbtejh quddiem dik il-qawara bajda tal-ħobż . . . qal ħames kelmiet u ż-żbuliet tbiddlu . . . f'Alla ! !

Ta' l-aħħar jiġu l-ewwel. Kliem Kristu !

R. M. B.

---

(1) Qrin–Ta' mpar miż-żmien, jew li kienu jgħixu flimkien ħabta waħda. Jien u l-flien qrejjen,

# IL-MADONNA TA' TRAPANI

(*Jorbot mal-Għadd ta' qabel*)

Dgħajsa tas-sajd li chienet ħarġet għas-sajda minn Trapani waqt li kien għadu ma sebaħx, lemħet dawl kbir f'wiċċ il-baħar. Is-sajjieda ġibdu lejh b'xewqa kbira fuqhom ħalli jfittxu jaraw xinhu dak li lemħu. Hekk kif waslu fəjn id-dawl u sabu kaxxa tgħum f'wiċċ l-ilma. Il-baħrin billi kellhom xewqa kbira li jkunu jafu xfiha, malli tellgħu l-kaxxa fid-dgħajsa, fetħuha malajr. B'għaġeb kbir tagħhom fiha sabu statwa kbira tal-Madonna. U hawn ntebħu li dil-biċċa kienet ta' għaġeb kbir, għax statwa tar-rħam bħal dik, ma setgħetx tibqa' f'wiċċ il-baħar.

Is sajjieda dawru d-dgħajsa għall-Port ta' Trapani, kollhom ħienja u ferħana għal dil-ħaġa sabiħa u għanja li sabu. Malli waslu x-xatt, malajr taw l-aħbar ta' x'sabu.

Is-Senat ta' Trapni malajr għarraf b'din il-biċċa lill-Isqof. U dan, flimkien mal-qassisin, marru biex jieħdu l-Madonna. In-nies inġegħmet b'għadd kbir biex taraha. Fosthom ukoll kien hemm il-Kavalier, sid ix-xbieha tal-Madonna.

Is-Senat u l-qassisin ħabtu jitilqu bil-processjoni ; iżda meta ġew biex jerfgħu l-Madonna, ħadd ma seta' jqanqalha. Wieħed qassis qal biex jinġiebu l-baħrin tal-bastiment li kienet fuqu. Dawn ġew u malajr refgħu lill-Madonna bla taħbit xejn. U hekk baqgħu sejrin biha processjonalment lejn il-belt.

Il-Kavalier meta ra li se'r jieħdu l-Madonna, beda jgħid li dik kienet tiegħu, u bħala xiehda ta' dan ġieb il-baħrin tal-bastiment. Iżda ħadd ma kien jaf xinhu jgħid il-Kavalier il-għaliex in-nies kienet mitlufa bil-ferħ imħabba l-kbar egħġubijiet li saru mill-Madonna fil-ftit sigħat li damet fix-xatt.

Il-Madonna ġiet meħuda qalb l-isparar ta' l-artillerija kollha tal-Belt. Kegħduha fi knisja żgħira, imsejjħa tal-Madonna tal-Grazzi. Dil-knisja kienet tiġi qrib id-dar tal-Konslu ta' Piża.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu, fi Trapni kien hemm ħafna neguzjanti minn Piża. Għal dil-biċċa, il-Kavalier Gwerrier għamel ħiltu kollha, billi wera, b'xhieda sewwa, minn fejn kien ġieb il-Madonna, bil-ħsieb li jeħodha u biha jagħni lill-maħbuba artu. Fuq hekk, il-Piżani li kienu hemm, ingħaqdu u ħadu l'Madonna taħt idejjhom, sa kemm jitħejja l-bastiment.

Dak il-bastiment li fuqu kellu l-Madonna, meta bdew iduruh biex jaraw xi ħsara kellu, sabu li kien imtaqqab; iżda fit-toqba kien hemm imwaħħla ħuta li biha ma setax jidħol ilma fil-bastiment. U dan kien għaġeb ieħor tal-Madonna, billi dik il-ħuta ħelset mill-għarqa lill-bastiment.

Wara tliet xhur xogħol, il-bastiment kien issewwa u tħejja għas-safar. Il-Kavalier ried jieħu l-Madonna tiegħu. Iżda t-Trapaniżi billi sabu lill-Madonna, fiż-żmien li kienet magħhom, dejjem ħelsithom minn kull hemm, għamlu ħilthom kollha biex ma jħallux lill-Madonna twarrab mill-Belt tagħhom. Il-Piżani riedu li tgħaddi tagħhom ; iżda t-Trapaniżi, san-nisa, kulħadd bl-armi fidu, qatgħu li aktar imutu, milli jibqgħu mingħajr il-Madonna.

Għal dan it-tilwim, qabżu l-Kapijiet tal-Belt. Dawn kellmu lill-Kapijiet tal-Piżani u semgħu l-fehma ta' xulxin biex jaraw x'jagħmlu. Fl-aħħar ftiehmu bejniethom, li jieħdu żewġ għoġliet, iqegħduhom f'karru u fuq dan iqiegħdu l-Madonna. Jekk il-barrin jiġbdu lejn ix-xatt, il-Madonna tkun tal-Piżani, iżda jekk jiġbdu lejn l-iġbla, il-Madonna tkun tal-Trapaniżi. U sar kif ftiehmu.

Wara li qegħdu l-Madonna fuq karru, rabbtu żewġ barrin miegħu u, bla messewhom xejn, ħallewhom jitilqu weħed-

hom fejn riedu huma. Dawn bdew jimxu u qabdu t-trieq tal-iġbla. Meta waslu taħt l-għolja ta' Trapni, fejn fit-triq kien hemm Kappella tal-Lunzjata, il-barrin waqfu quddiem il-bieb ta' din il-Knisja u nxteħtu għarkubtejhom fl-art. Il-barrin baqgħu f'din il-qagħda, u, għalkemm għamlulhom ħafna biex iqumu minn hemm, baqgħu fejn kienu, bla ma ċċaqalqu xejn. Meta n-nies raw hekk, niżżlu l-Madonna minn fuq il-karru, daħlu biha fil-Knisja li semmejna u qegħduha fuk l-altar.

Wara li tneħħiet il-Madonna minn fuq il-karru, il-barrin qamu weħidhom minn għarkubtejhom.

Fil-Knisja li ġiet imqegħda l-Madonna sar *Te Deum* mill-Kassisin u n-nies ta' Trapni, biex jiżżuħajr l'Alla talli l-Għażiża Ommu ħatret li tibqa' fosthom fil-Belt tagħhom.

ĠUŻÈ GATT.

## IŻ-ŻRIGĦ BIKRI GĦALIH IKRI U L-ĦALLA TAL-IMWAĦĦAR MAĦRUQA.

Bin Patist ta' Mrajzu mix-Xewkija ta' Għawdex, agħma, raġel li kien qaleb id-disgħin, kien żara' l-maħlut fi Frar, jiġifieri fl-imwaħħar u tah għalla bi rfus, għamel sħiħ.

Meta ħasdu u għamlu ħalla fuq l-andar, qallu: Missier! x'ħalla qamħ għandi minn ta' dak ix-xahar li għedtli biex ma niżrax fih! ejja ara, missier.

U ħadu jdawru, ma' din l-imbierka ta' ħalla. Il-missier ma tkellem xejn; idur u taparsi jteftef b'idu.

Meta wasal fl-aħħar xifer tal-ħalla taha n-nar!

—X'għamilt missier, qallu it-tifel, dan għaliex?! Wieġbu l-missier:— din tkunlek xogħfa, biex darb'oħra tiżra' bikri u mhux fl-imwaħħar!

(Mix-Xewkija)

V.M.B.

# IR-RIĦ U L-PINNUR

Mar-Riħ, darba l-Pinnur tkellem,
Qallu :- Koss kemm int minn tagħna !
Dlonk mix-xlokk għal-lvant titfagħni,
Mill-punent għat-tramuntana,
Int timbotta u jiena inciedi,
X'aħna sbieħ, min jaf jarana !

. . . Il-Pinnur, mhux soltu, darba
Webbes rasu . . . u malli r-Riħ
Raġa' nefaħ, żamm fuq tiegħu . . .
Nadar fl-ogħla bejt stennieh :
. . . Ma tħarrikx. Tah skoss bil-qawwi . . .
Qaċċtu m'nn għerqu minnufih !

*
* *

Li żżomm jiebes jisfa batal,
Smajt lin-nanna tgħid lill-ġarha,
Man-nies kbar mar-rjus qawwija !
—Qatt ma nstama' li l-Munqara
Jew l-Arżnella, inkella l-Makku,
Ħuta belgħu tat-Tunnara— !

R. M. B.

# KOTBA LI WASLULNA

SAYDON DUN P.P.—*Il Kotba ta' Samwel.* Dan hu t-tmien Ktieb fost il-ġabra tal-*Kotba Mqaddsa bil-Malti* maqlubin mil-Lhudi u mfissra minnu. Żewġ kotba f'wieħed.

"Dawn iż-żewġ kotba," kif igħid il-kittieb, "li għall-ewwel kienu ktieb wieħed, fil-lhudi jisimhom *Il-kotba ta' Samwel*, għax biċċa kbira mill-ewwel wieħed titħaddet fuq Samwel, imħallef fi Israël. Iżda fil-latin jisimhom *Il-kotba* (l-ewwel u t-tieni) *tas-Slaten* għax isemmu l-ġrajja tal-bidu tas-saltna ta' Israel. Sa żmien Samwel l-Israelin kienu taħt il-ħakma tal-Imħallfin (ara *Ktieb l-Imħallfin* 1) Samwel kien l-aħħar imħallef. Fi xjuħitu l-Israëlin riedu li jkollhom sultan bħal ġnus oħra, u Samwel, imdawwal minn Alla, għażlilhom lil Sawl bħala sultan. Sawl ma mexiex mal-kelma ta' Alla, u Alla neħħa s-saltna min-nisel ta' Sawl u taha lil David u lil nislu. David mela kien il-bidu li minnu tnisslu s-slaten kollha ta' Israël sal-Messija, l-aħħar wieħed, li kabbar u wassal is-Saltna, li hi l-Knisja, mad-dinja kollha. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ewwel ktieb jurina t-thejjija tas-saltna ta' David, it-tieni jurina t-twettiq tas-saltna."

Dan il-ktieb fih 94 faċċata stampat mill-aħjar fl-Empire Press bħall-bkija tal-kotba l-oħra u ssibu tixtruh b'1/3 minn għand Sciortino tal-Kotba.

A. M. GALEA *Ħajja tal-Beata Marija Eufrasja Pelletier* 16 p. Empire Press.

A. M. GALEA *Tagħlim ta' Gesù meħud mill-Vangelu* No. 1 u 2 *Stamperija tas-Salesjani.*

A. CREMONA *The Letters W and J in Maltese* 14. p. Empire Press.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

Kull xorta ta' kitba, hlas, jew hwejjeġ ohra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

# TAGĦRIF

—Lil Zammit Louis. Il-versi tiegħek "Immortalitas" qrajnihom u, kif xtaqt inti, ingħidulek li ma humiex ħżiena; xi drabi tajbin. Iżda ma ġibnihomx f'dan il-għadd ta' "Il-Malti", għaliex, qabel ma noħorġuhom, nixtiequ narawk, biex insaffu xi ħsebijiet li dehrulna ħarira mdennsa.

—Kelna, kontra qalbna, inħallu għal darb'oħra, l-artikolu fuq M. A. Vassalli tas-sur A. Cremona.

—Waslitilna minn Port Said ittra ta' wieħed li ma riedx jurina ismu, "għaliex għadu ġdid fil-kitba tal-Malti", iżda li jidher li jħobb lill-Malti "b'ruħu u b'qalbu kollha" bħalma jħobb lil Malta.

Ma' l-ittra bagħtilna xi ftit "għajdud" biex ifisser il-fehmiet tiegħu fuq il-"Malti", b'talba li, jekk insibuhom tajbin, inġibuhomlu fir-Rivista tagħna. Minnhom sa nġibu hawn xi ftit li, naħsbu, ma humiex ħżiena, u li jistgħu jiswew ukoll għal ħaddieħor:

1. Meta tħobb lil ilsien artek, tkun tħobb lilek in-nifsek.

2. Biex art twelidek tikber, fittex li tkabbar u tgħin l-ilsien tagħha.

3. Jekk ma tafx ilsien artek, kif titħadded fuqu mal-barrani?

4. Il-Malti żgħir; iżda kbir ħafna f'għajnejn il-għorrief.

EMPIRE PRESS